**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 21 ta' Gunju 2018**

**Pulizija**

**Spettur Jonathan Ransley**

**Vs**

**Thomas Camilleri**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Thomas Camilleri ta' 26 sena, mwieled Pieta' fil-15 ta' Dicembru 1988, iben Joseph u Emanuela xebba Montebello, residenti 313, Paradise, Flat 2, triq San Albert, gzira, detentur tal-karta ta' l-identita 570788(M);

Talli f'dawn il-Gzejjer f'xi hin bejn it-18 ta' Settembru 2015 u l-21 ta' Settembru 2015:

1) B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor tas-somma tlett mitt euro (300) u dan ghad-dannu ta' Vincent Azzopardi u/jew persuni ohra;

2) Ghamel xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu (Sub-titolu III, Fuq il-Frodi.) ghad-dannu ta' Vincent Azzopardi u/jew persuni ohra;

3) Talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa

bhalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli ghall-habta ta' l-4:45 ta' filghodu tat-18 t'Awwissu 2015:

4) Ikkommetta serq ta' Playstation ghad-detriment ta' Darren Briffa u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin;

Akkuzat ukoll talli ghall-habta ta' bejn il-5:00 ta' wara nofsinhar u s-7:00 ta' filghaxija tat-18 t'Awwissu 2015:

5) B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor tas-somma hames mitt euro (500) u dan ghad-dannu ta' Nicholas Meilaq u/jew persuni ohra;

6) Ghamel xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu (Sub-titolu III, Fuq il-Frodi) ghad-dannu ta' nicholas Meilaq u/jew persuni ohra;

Akkuzat ukoll talli ghall-habta tat-8:00 ta' filghaxija tas-6 ta' Lulju 2015:

7) B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor tas-somma mitejn euro (200) u dan ghad-dannu ta' Raymond Grech Marguerat u/jew persuni ohra;

8) Ghamel xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu (Sub-titolu III, Tal-Frodi.) ghad-dannu ta' Raymond Grech Marguerat u/jew persuni ohra;

Akkuzat ukoll talli ghall-habta tat-3:00 ta' wara nofsinhar tat-2 ta' Lulju 2015:

9) Appropja ruhu, billi dawwar, bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor u cioe mobile phone Samsung S4 li kien gie fdat jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat ghad-datriment ta' Jonathan Baldacchino u/jew persuni ohra;

Akkuzat ukoll talli:

10) Sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet il-provi u x-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 121A (2), 261, 294, 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imsemmi imputat hati tar-raba', is-seba' u t-tmien akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah minnhom;

Issib lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames, is-sitt u d-disa' akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal tlitt snin prigunerija.

Finalment il-Qorti in oltre tirrakomanda illi l-imputat jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**